**Stqarrija mill-Prim Ministru Joseph Muscat dwar is-Summit ta' Malta li sar il-Ġimgħa 3 ta' Frar 2017**

Sur President,

Nixtieq nirrapporta lil din il-Kamra l-konklużjonijiet imfassla u x-xogħol imtella' waqt il-Malta Summit li sar fil-Belt Valletta nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Frar 2017, u li għalih attendew il-mexxejja kollha tal-Unjoni Ewropea.

Mhux kull Presidenza tospita *summit* għall-mexxejja Ewropej. Il-Presidenza Maltija kellha din l-opportunità għaliex, f'dan il-mument ta' sfidi għall-Unjoni Ewropea, kien hemm bżonn jitkompla x-xogħol li beda fi Bratislava f'Settembru li għadda meta konna ltqajna 27 stat membru, ftit wara r-referendum tar-Renju Unit dwar il-ħruġ tagħhom mill-Unjoni Ewropea.

Din id-darba s-*Summit* ta' Malta kien maqsum fi tliet partijiet. L-ewwel parti speċifikament dwar l-immigrazzjoni, wara nofsinnhar iffukajna fuq ir-relazzjonijiet trans-atlantiċi, jiġifieri bejn l-Ewropa u l-Istati Uniti, filwaqt li fis-sessjoni ta' filgħaxija ġiet diskussa d-Dikjarazzjoni ta' Ruma dwar il-futur tal-Unjoni Ewropea qabel il-laqgħa f'Ruma f'Marzu li se tiċċelebra 60 sena mit-Trattat ta' Ruma.

Ir-Renju Unit ipparteċipa fis-sessjoni dwar l-immigrazzjoni u s-sessjoni ta' wara nofsinhar, filwaqt li għas-sessjoni dwar il-futur tal-Unjoni Ewropea d-diskussjoni kompliet bejn 27 stat membru.

## Immigrazzjoni

Il-Presidenza Maltija poġġiet l-immigrazzjoni bħala prijorità ewlenija. B'hekk sħaqna li din trid tkun prijorità anke fost il-mexxejja tal-Unjoni Ewropea meta niltaqgħu f'Malta. Irridu li fil-qasam tal-immigrazzjoni nkunu ħadna passi konkreti matul dawn is-sitt xhur fit-tmexxija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Dak li qbilna dwaru fid-dikjarazzjoni ta' Malta bejn il-membri kollha tal-Unjoni Ewropea huwa pass konkret ieħor 'il quddiem. Kulħadd ġie f'sensih li teżisti problema li rridu naħdmu flimkien biex insolvuha.

Wara li ġiet ikkontrallata l-kriżi ta' immigrazzjoni mit-Turkija lejn l-Ewropa, il-ħsieb tagħna issa huwa li niffukaw biex innaqqsu l-immigrazzjoni mir-rotta perikoluża taċ-ċentru tal-Mediterran li taffettwa l-iktar lilna u lit-Taljani.

Dan jibgħat messaġġ lill-popli tagħna li aħna nafu li l-immigrazzjoni hija ta' tħassib għalihom. Anke f'dawk il-livelli ħsiebna jkun fihom. Dan filwaqt li rridu li nsalvaw il-ħajjiet ta' dawk li jirriskjaw ħajjet uliedhom u ħajjithom ukoll meta jaqsmu baħar perikoluż. Irridu nkissru ċ-ċrieki kriminali li qed jorganizzaw it-traffikar ta' persuni mill-Afrika lejn l-Ewropa. Irridu wkoll iżda nifthu kuriduri umanitarji fejn min ħaqqu jsib refuġju lejn pajjiż ieħor, ikun jista' jagħmel dan b'mod organizzat u sikur għall-familja tiegħu.

F'dak kollu li nagħmlu aħna ggwidati mid-determinazzjoni li naġixxu b'rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem, il-liġijiet kollha internazzjonali u l-valuri Ewropej.

Ridna nibnu fuq il-preċedent tajjeb li għandna bil-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u t-Turkija. Permezz ta' dan il-ftehim, il-wasliet lejn l-Ewropa mil-Lvant tal-Mediterran fl-aħħar erba' xhur naqsu bi 98% sena fuq sena.

Fil-Mediterran is-sitwazzjoni kompliet tiggrava fejn waslu lejn l-Ewropa mal-180,000 immigrant filwaqt li n-numru ta' nies li mietu fi triqthom laħaq livelli rekord mill-2013 sal-lum. B'hekk determinati li nnaqqsu n-nies li jaqsmu min-nofs il-Mediterran u nkissru l-*business model* tat-traffikanti.

Irridu naħdmu iktar mal-Libja bħala pajjiż li minnu jitilqu l-ikbar numru ta' nies ġejjin mill-Afrika u pajjiż viċin tas-Sub-Sahara.

Ladarba qed insemmu l-Libja, tajjeb nagħmel parentesi żgħira. L-istabbiltà f'dan il-pajjiż hija kruċjali f'dak kollu li qed nagħmlu. Ħafna qed juru xettiċiżmu għal dak maqbul f'Malta minħabba l-instabbiltà li teżisti fil-Libja. Madankollu nemmen li dan il-ftehim huwa wkoll bażi biex jgħin jistabbilizza dan il-pajjiż ġar tagħna.

Bid-Dikarazzjoni ta' Malta, l-Unjoni Ewropea qed tiddikjara li tagħmel minn kollox biex tikkontribwixxi għall-istabbiltà tal-Libja. Din diġà hija kisba kbira meta tqis li l-Libja ma kenitx fuq ir-radar tal-pajjiżi Ewropej sa ftit tax-xhur ilu.

Il-ftehim bilaterali dwar koperazzjoni bejn l-Italja u l-Libja lejlet is-*Summit* kompla jagħti iktar kredibbiltà lill-isforzi Ewropej. Dan huwa qbil li sa ftit ilu ħafna kienu jemmnu li huwa impossibbli li jsir, imma li issa jfisser li hemm mod kif il-Libja ma tibqax passatur.

Il-prijorità f'dan il-pjan tal-Unjoni Ewropea se jkun li jingħata taħriġ u tagħmir lill-gwardji tal-kosta Libjani u aġenziji oħra. Fil-fatt illum stess, flimkien mal-kollegi l-Ministru George Vella u l-Ministru Carmelo Abela, attendejt mar-Rappreżentant Għoli tal-Politika Barranija tal-Unjoni Ewropea Federica Mogherini u l-Ministru tad-Difiża Taljan Roberta Pinotti, biex flimkien irrikonxxejna 89 uffiċjal Libjan li kienu l-ewwel li lestew itaħriġ bħala parti mill-Missjoni SOPHIA tal-Unjoni Ewropea. Dan it-taħriġ juri li passi konkreti diġà bdew jittieħdu mill-Unjoni Ewropea.

Prijorità oħra se tkun li tiġi intensifikata l-ġlieda kontra t-traffikanti tal-persuni.

L-Unjoni Ewropea se tkun qed tappoġġja wkoll l-iżvilupp ta' komunitajiet fil-Libja, speċjalment madwar il-kosta Libjana minn fejn jitilqu l-iktar immigranti.

Żvilupp importanti huwa li l-Unjoni Ewropea se tara li jkun hemm *reception centres* u kundizzjonijiet tajbin fil-Libja għall-immigranti. Dan se jsir f'kollaborazzjoni mal-UNHCR u l-IOM. Tajjeb inżid ngħid li kemm l-UNHCR u kemm l-IOM illum kienu preżenti għall-attività li kellna f'Malta.

Irridu wkoll inkomplu nuru l-appoġġ lill-IOM, l-International Organisation for Migration, biex iżżid sostanzjalment l-attivitajiet ta' ritorn volontarju assistit.

Dawn kienu biss ftit mill-prijoritajiet li qbilna dwarhom f'Malta. Il-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea se tkompli taħdem mal-Kummissarju Għoli biex dan il-pjan jiġi implimentat immedjatament.

Aħna bħala Presidenza qed nimpenjaw ruħna biex nagħmlu rapport tal-progress dwar dan il-pjan konkret u jiġi diskuss fil-Kunsill Ewropew ta' Marzu u Ġunju.

**Relazzjonijiet transatlantiċi**

Wara nofs inhar waqt is-*Summit* ġew diskussi r-relazzjonijiet transatlantiċi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti, b'mod partikolari dwar id-deċiżjonijiet tal-President Donald Trump.

Irrid ngħid li d-diskussjoni ma kenitx waħda ostili. Mal-Istati Uniti, l-Ewropa trid tibqa taħdem. Madankollu hemm tħassib serju - u ma nistgħux noqogħdu kwieti dwaru - għal ċerti deċiżjonijiet li ħa l-President Amerikan b'mod partikolari d-deċiżjoni dwar is-sospensjoni temporanja ta' persuni li ġejjin minn seba' pajjiżi differenti, ibbażat unikament fuq minn fejn ġejjin. F'din id-diskussjoni ma kienx hemm sentiment anti-amerikan, iżda kien hemm sens ta' *gamechanger* fil-mod ta' kif tippożizzjona ruħha l-Unjoni Ewropea, 60 sena wara t-Trattat ta' Ruma.

**Id-dikjarazzjoni ta' Ruma**

L-Unjoni Ewropea ma tridx tkun fil-ġenb tax-xena internazzjonali. Inħoss li hemm iktar rieda li l-Unjoni Ewropea ssir *player* mondjali. Hemm pajjiżi oħra li qed iħarsu lejn l-Unjoni Ewropea, li qed jaraw lill-Istati Uniti tirtira mhux ftit mir-rwol globali tagħha, u għalhekk issa ċ-ċans biex l-Unjoni Ewropea timxi iktar 'il quddiem.

Trid tkun Unjoni Ewropea viċin in-nies, li titkellem man-nies. Mexxejja ta' pajjiżi Ewropej b'miljuni ta' nies m'għandhomx il-lussu li għandna aħna bil-kuntatt il-ħin kollu man-nies. L-idea li l-Unjoni Ewropea tingħaqad mill-ġdid maċ-ċittadin wassalnieha sew fis-*Summit* ta' Malta.

Nemmen li dik f'Malta kienet diskussjoni politika serja dwar il-futur tal-Unjoni Ewropea bbażat fuq l-għaqda. Urejna li nistgħu nkunu ambizzjużi dwar verament viżjoni tal-proġett Ewropew.

Sibna soluzzjoni għal kollox? Le, problemi jibqgħu. Imma naħseb li l-mexxejja Ewropej telqu minn Malta b'aktar ottimiżmu milli waslu bih.

**Ringrazzjament għall-organizzazzjoni perfetta / *coverage* internazzjonali**

Ma nistax ma nirringrazzjax lil dawk kollha li kienu involuti fl-organizzazzjoni ta' dan is-*Summit*. Tant nies li taw is-sehem tagħhom u daħlu fid-dettall ta' kull ma kien hemm bżonn isir. Verament ħarġuna bl-unuri kollha.

Fuq quddiem nett kien hemm il-*unit* tal-Presidenza li jaqa' taħt id-Deputat Prim Ministru Louis Grech u s-Segretarju Parlamentari Ian Borg. Kif ukoll il-forzi tal-ordni u ħafna ħaddiema oħra li assiguraw loġistika kkordinata u sigura għal avveniment li ġab għajnejn l-Ewropa u d-dinja fuq Malta. Ringrazzjament speċjali lil Marlene Bonnici u lil Jonathan Cardona.

Il-mezzi tax-xandir internazzjonali taw prominenza qawwija lil dan is-*Summit*. Għalhekk pajjiżna wera li huwa kapaċi jmexxi b'rispett u bi statura, b'rispett u b'umanità wkoll. Kumment li spikka mill-ġurnalisti barranin kien appell mingħandhom biex is-*summits* jibdew

isiru kollha f'Malta, jekk xejn biex jevitaw it-temp griż u kiesaħ ta' Brussell! Jekk iħallsu huma, jiġu kemm iridu!

Nemmen li f'dan is-*Summit* Malta reġgħet qamet għall-okkażjoni. Nirringrazzja mill-ġdid lil dawk kollha li taw sehemhom, mix-xufiera tal-karozzi, sidien tal-ħwienet li qlajnielhom ftit tal-inkonvenjent, lill-politiċi, lin-nies tas-sigurtà, u lin-nies kollha li taw ħinhom għal dan l-avveniment. Prosit. *They did us proud.*